# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 11 ta' Jannar 2022**

Appell numru 148/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Glen ZAMMIT**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-3 ta' Mejju 2021 fil-konfront ta' Glen ZAMMIT (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 182582M) li ġie mixli talli għax-xahar ta' Mejju 2020 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Michelle Marie McLoed s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu fuq nuqqas ta’ provi.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-Liġi u dan wara li ppremettiet illi f’dan il-każ ġaladarba l-parte civile xehdet u kkonfermat li hija kienet tħalset l-ammonti ta’ manteniment dovuti lilha fiż-żmien rilevanti għal din l-imputazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet dovuta li ssib ħtija fl-appellant minkejja l-fatt li l-parte civile ivverbalizzat li hija ma xtaqetx li tkompli bil-proċeduri. L-Avukat Ġenerali sostniet illi dawn kienu proċeduri t’ordni pubbliku proċedibbli ex officio u in kwantu tali, ma kienux rinunzjabbli. Ġaladarba l-parte civile xehdet li kienet tħalset l-ammont ta’ manteniment dovut lilha għall-perjodi in kwistjoni il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tillibera lill-appellat minħabba nuqqas ta’ provi iżda semmai dik il-Qorti setgħet tieħu l-fatt tal-ħlas bħala konsiderazzjoni għall-fini tal-piena li setgħet timponi. Iżda ma setgħet qatt tillibera lill-appellat sempliċiment għaliex il-parte civile ddikjarat li ma riedetx tkompli b’dawn il-proċeduri.

4. Illi matul is-seduta tal-14 ta’ Diċembru 2021 l-appellat għamel sottomissjonijiet ossija mistoqsija li permezz tagħha were li kien qiegħed jissolleva l-preġudizzjali tan-nullita tar-rikors tal-appell in kwantu karenti minn bażi legali fis-sensi tal-artikolu 413(1) tal-Kodiċi Kriminali.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

5. Illi l-Avukat Ġenerali ma ssemmix espliċitament il-bażi legali għall-appell intavolat minnha skont it-termini tal-artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-ġurisprudenza l-iżjed pertinenti li interpretat dak l-artikolu. Iżda minn dak argumentat fir-rikors u fit-trattazzjoni, din il-

Qorti jidhrilha li donnu l-Avukat Ġenerali riedet issejjes dan l-appell tagħha fuq il-bażi tal-"error iuris" fis-sensi tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kodiċi Kriminali. Il-ġurisprudenza elaborat dan l-artikolu fis-sens fejn fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-"rekwiżiti tar-reat" jew skont ġurisprudenza oħra "tal-ipoteżi tal-Liġi".

6. Dwar dan il-punt, ossija l-jedd tal-appell tal-Avukat Ġenerali fuq il-prinċipju tal-error iuris, il-ġurisprudenza qalet tagħha diversi drabi. Hekk per eżempju intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Antonio Caruana** deċiż fil-31 t'Ottubru 1953 :

> B'liġi l-Attorney General ma jistax jappella dejjem, imma biss f'ċerti każijiet speċifikat mill-liġi stess. Wieħed minn dawn il-każijiet hu dak li fiħ il-maġistrat ikunillibera għaliex ikun irritjena li ma kienux jikkonkorru fill-fatt il-kostitutivi tar-reat. Għal raġunijiet kemm il-darba spjegati fil-ġurisprudenza, dan il-każ ġie dejjem limitat għal meta l-Maġistrat, bla ma jkun daħal fl-eżami tal-fatti tal-kawża, ikun iddikjara li l-fatt "kif-dedott" (apparti mill-provi, u għalhekk mhux il-fatt kif pruvat) ma jikkostitwixxix reat. Sussegwentement, il-ġurisprudenza, ormaj paċifika, estendiet l-interpretazzjoni ta' dan il-każ li fih l-Attorney General jista' jappella billi nkludiet fiħ anki l-każ meta l-Maġistrat ikun applika għall-fatti enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat, għaliex intqal li l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt;
> Il-Prosekuzzjoni fil-każ preżenti qegħdha tinvoka, għall-ammissibilita' tal-appell tagħha, din l-interpretazzjoni tal-aħħar;
> Issa, biex din il-Qorti tara jekk f'każ simili huwied ammissibbli l-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni, għandha teżamina, kif sewwa qal l-Imħallef Sir Philip Pullicino fl-Appell "Pol. vs. Borg", 12 ta' Jannar 1929, is-"sustanza" tad-deċiżjoni appellata fil-kumpless tagħha".

7. Fil-fatt fil-ktieb tiegħu **Recent Criminal Cases Annotated**, l-Imħallef William Harding jgħid li :

> The Attorney General may enter an appeal, inter alia, whenver the partu accused has been acquitted on the ground that the fact does not contain the ingredients of an offence. The word "fact" in this provision had at all times been held to mean the fact as contained in the charge apart from the evidence, and not the fact as it subsequently appears from the evidence. If the Magistrates acquits the accused because the fact is not proved, or because the fact, as it appears from the evidence, does not amount to an offence, then no appeal lies. An appeal will lie if the Magistrate, considering the fact solely and simply as contained in the charge, apart from the evidence, has come to the conclusion that that fact does not constitute an offence. In effect, this means that on a question of fact no appeal lies, but an appeal will lie on a question of Law.
> An appeal will also lie – under the provision afore quoted if the Magistrate, after hearing and weighing the evidence, has, in applying the Law to the fact as proved, made a wrong interpretation of construction of the Law. In any such case, although the Court below has considered the fact as proved, still

in as much as a wrong construction of the Law has been made, the questioned raised on appeal is, in reality, a question of Law.
For the purpose of examining whether a judgement be subject to appeal or not, in accordance with the aforesaid rules, it is essential to look more at the substance of the judgements than at the words which the Magistrate may have used, not always, perhaps, with the denied accuracy.[1]

8. Issir riferenza wkoll għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gaetano Cuschieri et** deċiża nhar il-25 t'Ottubru 1984 fejn intqal is-segwenti:

Hu evidenti, u fil-fatt lanqas l-istess Avukat Generali ma jippretendi mod iehor, illi l-appell odjern ma jinkwadra ruhu taht ebda wiehed mill-kazijiet li gew indikati. Fil-fatt l-gharef Avukat Generali qed jinvoka dritt ta' appell fuq il-pretensjoni li s-sentenza appellata tikkontjeni enunzjazzjonijiet zbaljati u inkompleti ta' l-ipotesi tal-ligi;
Fil-fatt jigi ribadit dak li ormai ghandu jkun jaf kulhadd li biz-zmien din il-Qorti u qabilha l-Qorti Kriminali (Sede Appell) kienu estendew il-kaz fejn il-Magistrat ikun illibera lill-imputat ghaliex ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat biex jinkludi fih ukoll il-kaz meta l-Magistrat ikun applika ghat fatt enunzjazzjoni zbaljata jew inkompleta tar-rekwiziti tar-reat. B'gurisprudenza kostanti ghalhekk gie koncess ukoll id-dritt ta' l-appell lill-Avukat Generali anke f'dan il-kaz ghax kif tant tajjeb spjegat fis-sentenza in re Pol. vs A. Caruana, moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1953, l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt. Però ghandu jigi mfakkar illi fl-applikazzjoni ta' dan il-principju dawn il-Qrati dejjem addottaw linja dritta u inekwivoka ta' ragonament li assikurat li ma jsirx tigbid ta' argumenti mill-Avukat Generali biex jottjeni dritt ta' appell meta ma ghandux u ghalhekk dejjem ghamlitha cara din il-Qorti li dak li trid tara hi s-sustanza tas-sentenza fil-kumpless taghha u jekk essenzjalment il-bazi tkun verament apprezzament ta' fatti ma jinghatax lill-Avukat Generali d-dritt ta' Appell. Ir-raguni hi ovvja u cjoè ghaliex ma ghandux jintuza hawn qed nitkellem mhux fuq dritt gdid ta' appell imma fuq estensjoni tal-massima li l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell meta l-Magistrat ikun illibera ghax ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat;
Ikkunsidrat;

Illi dan kollu din il-Qorti qalitu mhux ghax kien hemm xi parti minnu li s'issa ma kinitx cara izda ghax l-allegata enunzjazzjoni zbaljata jew inkompleta li l-Avukat Generali qed jimputa li kien hemm fis-sentenza meritu ta' l-appell ordjern din il-Qorti semplicement ma tistax taraha. Fil-fatt anzi hu bl-iktar mod car li fis-sentenza appellata ma hemm assolutament ebda enuncjazzjoni ta' ligi u ghalhekk ma jistax jigi ssostitwit dak li qed jigi allegat; Fil-fatt l-gharef Avukat Generali qed jallega illi l-Ewwel Qorti ghamlet distinzjoni bejn dak li "ma rrizulta b'ebda mod ippruvat" u dak li "ma rrizultax sodisfacentement ippruvat stante konflitt fil-provi" u din hi distinzjoni li ma ghandha ebda fundament fil-ligi. L-appellant fil-fatt qed

[1] Paġna 64, kif anke ċitata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Joseph Ellul Sullivan et tad-29 ta' Novembru 1982.

jikkontendi illi l-grad ta' prova rikjest mill-prosekuzzjoni skond il-ligi huwa wiehed u uniku u cjoé l-prova “Minghajr dubbju ragonevoli". L-appellant ikompli ukoll jargumenta illi :

"II-Iigi rna tirrikjedix li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-kaz taghha "sodisfacentement". Dan hu grad ta' prova li mhux maghruf fis-sistema penali Malti u huwa priv minn kull sinifikat. Inoltre, l-"konflitt fil-provi" ma jwassalx, kif irriteniet l-Ewwel Qorti ghall-konsegwenza li l-prosekuzzjoni ma jirnexxilhiex tipprova l-akkuzi skond il-ligi. Il-konflitt fil-provi huwa parti integrali mill-process kriminali u l-apprezzament ta' tali konflitt mill-gudikant jifforma parti mill-ezercizzju li hu mistenni jaghmel fir-ricerka tal-verita. Il-gudikant ma jistax jaghmel, bhal ma ghamlet l-Ewwel Qorti, li appena jidhirlu li hemm konflitt fil-provi allura jasal ghall-konkluzjoni li r-reati ma rrizultawx. Fil-kaz ta’ tali konflitt izda, jispetta lill-gudikant li jaghmel l-apprezzament tal-provi ggwidat mill-kriterji tal-ligi stess (ara artikoli 633 u 634 talKodiéi Kriminali) u jiddecidi skond ir-regoli tal-ligi liema provi ghandu joqghod fuqhom u liema provi ghandu jiskarta. Dan l-ezercizzju ma sarx mill-Ewwel Qorti li kull ma ghamlet hu li appena dehirlha li rriskontrat konflitt fil-provi waslet ghall-konkluzjoni li r-reat ma giex ippruvat".

Illi fuq dawn is-sottomissjonijiet kollha din il-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha u hi tat-ferma opinjoni lj n-nullita eccepita ghall-appell ta' l-Avukat Generali hi inekwivokalment fondata u radikata. Infatti mhux biss certi asserzjonijiet indikati huma totalment gratuwiti izda din il-Qorti tinsab kompletament konvinta Ii anke jekk kellha taghti valur assolut li s-sottomissjoniiiet ta’ natura legali li ghamel l-appellant xorta trid necessarjament tasal ghall-unika konkluzjoni li tista’ ragonevolment tigi raggunta u cjoè li fis-sentenza appellata hemm biss apprezzament ta’ fatt u xejn izjed. U mhux korrett dak li sostna l-appellant li fis-sentenza hemm anke minimament xi indikazzjoni li l-Ewwel Qorti ttrattat il-kaz leggerment u ghamlet apprezzament tal-fatti superficjalment biss. L-apprezzament sar u jekk l-Avukat Generali ma jaqbilx mieghu ma jfissirx li b'daqshekk ottjena dritt ta' appell meta ma ghandux anke jekk l-istess appellant ihossu konvint li ma jistax jaqbel ma' dak l-apprezzament. L-istess ligi ma ttihx dritt ta’ appell f'kazijiet bhal dan u ghalhekk ma baqghalha xejn din il-Qorti hlief li takkolji l-eccezzjoni tan-nullità tal-appell;

9. Imbagħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Giorgia Zammit** deċiż nhar l-20 ta’ Frar 1986 ġie mistqarr is-segwenti :

Illi din il-Qorti kif presjeduta diga kellha almenu zewg opportunitajiet fejn iddecidiet din l-istess eċċezzjoni f’kawżi oħra bl-ewwel wahda hija sentenza fl-appell in re “Il-Pulizija vs. Joseph Ellul Sullivan et” deciza fid-29 ta' Novembru 1982 u t-tieni hi dik moghtija fil-25 ta Ottubru, 1984 fl-appell “Il-Pulizija vs Gaetano Cuschieri.” Specjalment fl-ewwel wahda minn dawn is-sentenzi din il-Qorti dahlet fld-dettal u ezaminat l-eccezzjoni fid-dawl tal-ligi u tad-decizjonijiet precedenti ta’ din il-Qorti diversament presjeduta u anki tal-Qorti Kriminali meta din kellha l-funzjonijiet li illum ghandha din il-Qorti u ccitat diversi sentenzi fejn dejjem

gie sostrut id-drltt tal-Avukat Ġenerali meta fis-sentenza appellata jkun hemm enunzjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi.

L-appellata iccitat sentenza moghtija minn din il-Qorti abilment presjeduta mill-kompjant Imhallef William Harding moghtija fis-27 ta' Mejju 1944 in re Il-Pulizija vs Nikol Bonnici fejn skond hi dik il-Qorti waslet nofs triq ghat-tezi taghha.

Din il-Qorti ezaminat dik is-sentenza u thoss li ghandha tikkomenta li ma taqbel xejn ma kif qed tigi interpretaha l-appellata anzi se mai dik is-sentenza hi holqa ohra f'sensiela ta' sentenzi kontinwi u li kollha kemm huma jiddeciedu l-istess haga. Ser tigi citata propju parti minn dik is-sentenza biex anzi tigi ribadita s-sitwazzjoni "La darba ghalhekk, din il-Qorti ma sabitx li hemm fis-sentenza appellata enunzjazzjoni zbaljata tal-kostitwenti tar-reat l-appell huwa b'hekk ezawrit. Infatti appell tal-prosekuzzjoni, in bazi ghall-artikolu 412(2)(d)(i) (Illum 425(1)(b)(iv) tal-Kodici Kriminali jista' jkun ammessibbli f'zewg kazijiet biss, jigifieri meta l-Magistrat ikun waqaf fil-fatt kif dedott, apparti l-provi, u ddikjarah mhux reat, jew inkella meta jkun dahal fil-provi, imma jkun applika ghall-fatti rizultati interpretazzjoni hazina tal-ligi. Issa fil-kaz prezenti l-Magistrat dahal fil-provi u l-enunzjazzjoni tal-ligi minnu maghmula hija korretta. Ghalhekk ma hemmx lok ghal indagini ohra minn din il-Qorti, ghaliex diversament ikun qieghed jigi ammess appell f'kaz fejn ma hux ammessibbli u din il-Qorti tkun qieghdha tissindika apprezzament tal-Qorti "a qua" fuq il-fatti kif irrizultaw mill-provi haga li ma hijiex ammessa. Diversament, l-interpretazzjoni kostanti tad-disposizzjonijiet tal-art. 412(2)(d)(1) kienet tkun tista' tigi facilment newtralizzata, billi tigi allegata mill-kwerelant, jew Prosekutur appellant, skond il-kaz, enunzjazzjoni zbaljata tal-ligi fis-sentenza appellata u bis-sahha taghha, anki jekk l-allegazzjoni tirrizulta mhix fondata, jigi ottenut appell fuq il-meritu bazat fuq il-fatt kif pruvat, u mhux kif semplicement dedott.

Il-principju sewwa huwa illi, malli l-enunzjazzjoni denunzjata bhala hazina tigi minflok rikonoxxuta retta, allura, jekk l-appell mhux bazat anki kif incizi ohra ta' l-art, 412 (illum 425) l-appell jieqaf hemm".

Din ic-citazzjoni komprensiva mis-sentenza appellata ghalhekk altru milli tasal nofs triq ghat-tezi tal-appellata eccipjenti hi dijametrikament il-kontradizzjoni taghha u hi esposizzjoni cara u skjetta ta' dak li dejjem gie deciz minn dawn il-Qrati fuq din il-materja.

Fil-fatt oltre din is-sentenza izda tizdied ohra ukoll deciza minn din il-Qorti presjeduta mill-istess Imhallef Harding u cioe' dik tad-29 ta' Novembru 1952 in re Il-Pulizija vs. Manwel Grima u ohra tal-istess Qorti presdejuta mill-Imhallef Flores in re Il-Pulizija vs Clo. Abela deciza fis-16 ta' Mejju, 1968.

Din il-Qorti pero' qabel ma taghlaq fuq dan il-pregudizzjali trid taghmel xi osservazzjonijiet ulterjuri fuq xi sottomissjonijiet partikolari li ghamel d-difensur tal-appellata.

Wahda mill-osservazzjonijlet li ghamel hija li l-enunzjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ligi lanqas taghti d-dritt ta' appell lill-prosekuzzjoni mill-guri.

Illi effettivament l-avukat generali wara l-guri f'kaz ta' verdett liberatorju ma ghandu qatt dritt ta' appell u ghalhekk l-analogija li l-appellata qed tittanta tlppostula hi ghal kollox bla valur.

Sottomissjoni ohra tal-appellata hi li bil-kllem "fil-fatt" fl-art. 425(1)(b)(iv) ("the fact" fit-test Ingliz) Ingliz wiehed m'ghandux jifhem il-fattl li jirrizultaw waqt is-smiegh tal-provi.

Illi ma dan din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatti jistghu jkunu dawk imputati u jistghu jkunu dawk li jirrizultaw. Fl-ewwel kaz hu prospettat il-kaz fejn il-Qorti bla ma tisma prova tiddeciedi li l-fatt imputat ma fihx l-elementi ta' reat u allura hemm l-appell tal-Avukat Generall u dan ikun parament appell fuq punt ta' dritt. Similment jekk wara li jinstemghu l-fatti jigi applikata hazin il-ligi ikun propjament qed jigi deciz li l-fatti ma jikkostitwux reat mhux ghax necessarjament hu hekk izda ghax tkun saret enunzjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi. F'dan il-kaz l-appell hu moghti lill-avukat generali jekk veru jkun sar dan l-error juris biss u l-fatti fil-fatt jistennew l-ezltu ta' din il-kwistjoni. Mhux korretta l-appellata infatti meta sostniet li tkun qed jinghata appell mill-fatti mismugha. Tkun qed tigi konsidrata l-ligi, b'mod li jekk vera kienet giet applikata hazin allura il-fatti mismugha jigi applikati ghall-ligi kif suppost hi u jekk kenitx giet applikata hazin allura ma hemm xejn izjed x'taghmel din il-Qorti u ma tidholx fil-provi ammonnoche' ma jkunx hemm dritt ta' appell fuq bazi ohra.

Fl-ebda wiehed minn dawn iz-zewg eventwalitajiet ghalhekk ma jista' jigi argumentat li jkun qed jigi uzurpat xi appell fuq provi mismugha. L-appell jkun biss fuq bazi legali li tigi applikata ghal provi mismugha.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni msemmija tal-appellata u tordna l-prosegwiment tal-kawza illum stess.

10. F'dan il-każ ma jirriżultax li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati għamlet xi pronunzjament fis-sens li l-fatt imputat ma fihx l-elementi ta' reat. Iżda f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali donnha qegħda ssejjes l-appell tagħha fuq il-premessa li wara li xehdet il-parte civile, u allura nstemgħu il-fatti skontha, ġiet applikata l-liġi b'mod ħażin billi minflok sabet lill-appellat ħati tar-reat kontestat lilu, dik il-Qorti illiberatu minħabba li l-parte civile iddikjarat li ma riedetx tkompli bil-proċeduri. In bażi għal din ir-raġuni il-Qorti ma setgħetx tillibera lill-appellat, iżda semmai setgħet tittieħet in konsiderazzjoni bħala mitiganti fl-erogazzjoni tal-piena kontra tiegħu. Altrimenti dik il-Qorti ma kellhiex bażi biex tillibera lill-appellat.

11. Din il-Qorti taqbel mal-argument imressaq mill-Avukat Ġenerali li l-azzjoni naxxenti minn ksur tal-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali hija kwistjoni t'ordni pubbliku u persegwibbli mill-Pulizija Eżekuttiva ex officio u bl-ebda mod ma hija rinunzjabbli. Dan jirriżulta minn ġurisprudenza li hija ormaj assodata. Qabel xejn din il-kontravvenzjoni fil-fatt hija waħda li taqa' speċifikament taħt is-

Sub-titolu 1 taħt it-titolu tal-Kontravvenzjonlijet intitolat "Fuq il-kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku". Apparti minn hekk, fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Pace** tat-30 ta' Novembru 2011 ġie speċifikament deċiż li:

> Kif ripetutament affermat minn din il-Qorti, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338(*z*) tal-Kodici Kriminali1 huwa reat kontra l-ordni pubbliku, u wiehed li l-pulizija jistghu jipprocedu fir-rigward tieghu *ex officio* u anke minghajr il-kwerela tal-parti leza (ghalkemm bhala fatt, peress li l-koppji li jkunu jinsabu f'din is-sitwazzjoni, ma jkollhomx pulizija erbgha w ghoxrin siegha maghhom, dawn il-proceduri invarjabbilment jibdew bi kwerela tal-parti leza). L-obbligu tal-hlas tal-manteniment johrog direttament mis-sentenza tal-Qorti Civili (jew mill-kuntratt pubbliku, skond il-kaz), u ma hemm assolutament ebda necessita` li min ikun ser jircievi dak il-manteniment joqghod jitolbu jew jigri warajh. L-uniku prerekwizit ghall-procedibbilita` li l-ligi timponi huwa t-trapass ta' hmistax-il jum mid-data li fiha l-manteniment kellu jithallas. Xejn aktar. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

12. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Publius Said** din il-Qorti diversament ippreseduta sostniet:

> L-ordnijiet tal-Qrati, bhad-digriet tas-Sekond' Awla li jiffissa l-manteniment pendente lite, jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kawzi, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni.
>
> Sakemm id-digriet jigi varjat jew revokat, dan ghandu jigi osservat.
>
> Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova:-
>
> 1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment;
>
> 2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma."
>
> Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni.[2]

13. Minbarra dan il-ġurisprudenza patrija tgħallem ukoll li :

[2] Enfażi tal-Qorti.

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Mallia deciz fit-8 ta' Mejju 1998, intqal testwalment hekk: "Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tispjega aktar minn darba, ghall-finijiet ta' kawza penali meta limputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali filparagrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9, hu rrelevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kkontenut f'dak id-digriet ma kienx espressament irrevokat jew altrimenti mibdul millistess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) lordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghallfinijiet u effetti kolla ta' l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali - ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Lawrence Cilia, App. Krim. 10/3/95, u Il-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23 ta' Jannar 1998 (App. Nru. 161/97)." U fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Raymond Cutajar, deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta’ Settembru 1999, gie ritenut hekk1 : “Ordni ghall-hlas ta’ manteniment kontenut f'digriet moghti skond il-proviso tas-subartikolu (1) talArtikolu 470 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili … jibqa’ validu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem ilPrim‘Awla gietx intavolata o meno, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li dak id-digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond’Awla jew mill-Prim ‘Awla, u salv il-prova ta’ rikonciljazzjoni jew ta’ dikjarazzjoni ta’ qorti ohra kompetenti li dak iddigriet jew dak l-ordni kien null.[3]

14. L-Avukat Ġenerali ssostni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha l-prova tal-parte civile li hija kienet tħalset l-ammont ta’ manteniment dovut lilha. Dan kien imsaħħaħ minn digriet tal-Qorti kompetenti u li kien ukoll eżebit fl-atti bħala Dok. AMG1 a fol 3 tal-proċess (li jġib in-numru ta’ din il-Qorti 149/2021). Kien hemm ukoll l-affidavit ta’ WPC291 Dimech li kkonfermat li fl-10 ta’ Ġunju 2020 kienet marret l-Għassa tal-Pulizija ta’ Paola l-parte civile fejn kwerelat lill-appellat li kien naqas li jtiha l-manteniment għax-xahar ta’ Mejju 2020 skont id-digriet maħruġ mill-Qorti tal-Familja fl-20 ta’ Frar 2020 – iġifieri dak li jinsab a fol 6 formanti parti mid-dokument markat AMG1 tal-proċess (li jġib in-numru ta’ din il-Qorti 149/2021).[4]

15. L-Avukat Ġenerali tinterpreta x-xiehda tal-parte civile fil-kawża de quo bħala li kienet tfisser li hija li kienet tħalset il-manteniment dovut **wara** li kienet allura kwerelat lill-appellat li hija ma kienetx

[3] **Il-Pulizija vs. Evan Mamo** deċiż fis-27 t’April 2005.

[4] Irid jingħad illi f’dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma vverbalizzatx li dan il-każ kien qiegħed jiġi kondott flimkien mal-każ bin-numru ekwivalment għal dak enumerat minn din il-Qorti bħala 149/2021, kif ukoll li l-provi u d-dokumenti miġbura f’dak il-proċess kellhom jitqiesu li huma provi wkoll f’dan il-proċess. B’hekk l-aqwa prova dokumentarja f’dan il-każ jirriżulta li kienet nieqsa. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li d-dikjarazzjoni li ttieħdet mingħand l-appellat saret mingħajr evidenza li dan ingħata l-jeddijiet għal assistenza legali qabel ma din ittieħdet u b’hekk qed tiġi skartata minn din il-Qorti.

tħalset l-ammont ta' manteniment dovut lilha għax-xahar ta' Mejju; u dan wara li allura kienu laħqu skadew il-ħmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha titħallas dik is-somma u dan peress li l-kwerela tagħha saret fl-10 ta' Ġunju 2020 meta l-ħlas kellu jsir mhux iżjed tard minn ħmistax il-jum mill-20 ta' Mejju 2020 – (stante li d-data tad-digriet relattiv kienet l-20 ta' Frar 2020 u ma hemm ebda indikazzjoni ta' data speċifika minn meta jibda jiddekorri dak l-obbligu). Il-fatt li l-parte civile kienet kwerelat lill-appellat li dan ma ħallasx l-ammont ta' manteniment fiż-żmien dovut – huwa msaħħaħ bi prova oġġettiva bix-xiehda tal-kwerela tagħha provduta minn WPC291 a fol 5. Iżda aktar minn hekk dik il-Qorti kellha l-konfort tal-istqarrija tal-parte civile li fil-fatt hija kienet tħalset l-ammonti dovuti lilha (fil-frattemp). B'hekk din id-dikjarazzjoni seduta stante kienet fil-fatt tissiġilla l-fatt li mhux biss kien hemm in-nuqqas ta' ħlas iżda saħansitra li f'dak l-istadju tas-seduta pero dak dovut lilha b'manteniment kif reklamat fil-proċeduri penali de quo kienu ġew saldati. Konsegwentement ir-raġuni loġika li jifdal wara d-deċiżjoni liberatorja kienet il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) adottat id-dikjarazzjoni tal-parte civile li ma xtaqetx tkompli bil-proċeduri bħala forma ta' rinunzja għall-kwerela li kienet għamlet u b'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaddiet biex tillibera lill-appellat in bażi għal dik id-dikjarazzjoni.

16. Illi dan ir-raġunament, għalkemm fid-dehera tiegħu jista' jidher li jagħmel sens, mill-banda l-oħra fid-dawl tal-istat tal-atti attwali, jirriżulta li huwa msejjes fuq diversi assunzjonijiet li jidher li saru mill-Avukat Ġenerali. Qabel xejn l-eżerċizzju magħmul mill-Avukat Ġenerali kien jimplika eżerċizzju t'apprezzament ta' provi li pero kien jistrieh biss fuq dak li ġie verbalizzat mill-Qorti fuq il-verżjoni tal-parte civile nonche l-affidavit ta' WPC291 kif sorretti mid-dokument AMG1 u SM1 rispettivament. Fil-verita mill-atti ma jirriżultax x'kienet ix-xiehda tal-parte civile in kwantu la ġiet preżentata kopja traskritta tax-xiehda u l-anqas almenu ġew eżebiti xi notamenti tal-Maġistrat sedenti dwar x'qalet il-parte civile.

17. Iżda anke li kieku biss l-Avukat Ġenerali setgħet tassumi d-dettalji tax-xiehda ta' din ix-xhud (ħaġa li ovvjament ma tistax tagħmel) xorta jibqa' l-fatt li l-Avukat Ġenerali donnha sejset l-argument tagħha – loġiku kemm jidher loġiku – biss fuq in-naħa tal-munita preżentata mill-parte civile u l-prosekuzzjoni. Dan qed jingħad għax wara li l-Prosekuzzjoni għalqet bil-provi tagħha, dik il-Qorti vverbalizzat a fol 4 li semgħet ix-xiehda tal-appellat! Iżda anke f'dan il-każ, x'qal l-appellat quddiem dik il-Qorti ma jirriżultax mill-atti

peress li l-Qorti tal-Maġistati (Malta) la vverbalizzat is-sustanza tax-xiehda tal-appellat u l-anqas ma jirriżulta li kien hemm xi traskrizzjoni tal-istess xiehda.

18. Ġaladarba mill-atti ma tirriżultax x'kienet ix-xiehda tal-appellat, u l-Avukat Ġenerali ma kienetx parti f'dik il-kawża, bħal din il-Qorti, l-Avukat Ġenerali kienet hija wkoll sajma mix-xiehda tal-appellat. Meta l-Avukat Ġenerali ġiet biex tirrediġi l-appell tagħha, hija riedet tieħu in konsiderazzjoni l-atti kollha u s-sentenza fil-kumplessita kollha tagħha. Ġaladarba fl-atti la kien hemm it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-parte civile u l-anqas dik tal-appellat l-Avukat Ġenerali ma kellhiex informazzjoni biżżejjed biex tkun tista' tgħid eżattament x'wassal lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konklużjoni liberatorja tagħha.

19. In definittiva, ġaladarba mill-atti ma tirriżultax is-sustanza tax-xiehda kemm tal-parte civile kif ukoll tal-appellat, din il-Qorti ma tistax tifhem kif, fin-nuqqas ta' l-għarfien tagħha ta' dik ix-xiehda, l-Avukat Ġenerali setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet frott biss u esklussivament ta' error iuris minħabba li mxiet max-xewqa tal-parte civile li riedet li ma tkomplix bil-proċeduri u b'hekk tat id-deċiżjoni liberatorja frott t'error iuris u mhux fuq apprezzament ta' dak li xehed l-appellat fix-xiehda tiegħu quddiem dik il-Qorti fid-dawl tal-provi l-oħra li kien hemm fil-każ. Kif setgħet l-Avukat Ġenerali tevalwa x'piż u spessur kellha d-deposizzjoni tal-appellat meta, bħal din il-Qorti, ma kellhiex konjizzjoni ta' dak li xehed? Kif setgħet teskludi li ma kienx b'dak li saħaq l-appellat fix-xiehda tiegħu li kkonvinċa lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) sal-grad tal-probabli li ma kienx kolpevoli tar-reat? Minn liema bażi probatorja jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati kkonkludiet il-kawża tagħha mhux għaliex l-appellat ikkonvinċiha bil-verżjoni tiegħu iżda minħabba li qieset id-dikjarazzjoni tal-parte civile bħala rinunzja tal-kwerela?

20. Żgur hu li fin-nuqqas ta' provi sodi riżultanti mill-atti infushom u li jistgħu iwieġbu dawn il-mistoqsijiet mhux possibbli li jingħad b'mod sikur li l-Qorti tal-Maġistrati waslet għall-konklużjoni minħabba żball fl-interpretazzjoni jew applikazzjoni tal-Liġi, inkluż dik proċedurali, kif donnha kkonkludiet l-Avukat Ġenerali. Anke l-formula użata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) "Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda u rat il-provi mresqa qed tillibera lill-imputat fuq nuqqas ta' provi" turi b'mod ċar li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament tal-provi li tresqu quddiemha – iġifieri kemm

il-verżjoni tal-parte civile u dik tal-pulizija involuta kif ukoll dik tal-appellat. Mill-atti ma jirriżultax li l-konklużjoni tagħha kienet imsejsa fuq il-fatt li l-parte civile ma riedetx tkompli iżjed bil-kawża. Jew inkella għaliex il-Qorti tal-Maġistrati kkunsidrat dik id-dikjarazzjoni bħala xi forma ta' rinunzja għall-azzjoni kriminali. Il-lokuzzjoni użata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet dik ta' liberatorja bażata fuq apprezzament tal-provi u mhux proċediment estint jew eżawrit.

21. Din il-Qorti tikkonċedi li l-mod kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mexxiet din il-proċedura, u b'mod partikolari minħabba l-fatt li naqset milli tinkludi fl-atti kopja tat-traskrizzjoni tax-xiehda jew tal-inqas in-notamenti tagħha dwar xi jkunu qalu x-xiehda huwa partikolarment kritikabbli in kwantu tirrendi diffiċli ħafna, jekk mhux impossibbli, l-eżerċizzju ta' reviżjoni tad-deċiżjoni li l-partijiet (u b'mod partikolari f'każijiet sommarji d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali) u din il-Qorti jistgħu ikunu msejħin li jagħmlu fil-proċeduri ta' appell speċjalment fuq punti ta' dritt meta jkunu dipendenti fuq dak li jkun ġara jew intqal speċifikament fis-seduta.

22. Biss, fl-istat tal-atti attwali din il-Qorti tqis li ma kienx hemm elementi b'saħħithom biżżejjed biex, minn analiżi tal-atti u tas-sentenza fil-komplessita tagħha, l-Avukat Ġenerali setgħet tikkonkludi li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet bażata fuq error iuris aktar milli fuq apprezzament tal-provi li kellha quddiemha.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, prevja l-akkoljiment tal-preġudizzjali tan-nullita tar-rikors tal-appell sollevata seduta stante mid-Difiża, tiddikjara l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali bħala irritu u null peress li s-sentenza appellata kif mogħtija mhix appellabbli minnu u dan stante li mill-atti ma jirriżultawx provi sikuri li juru li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) waslet għall-ġudizzju liberatorju tagħha f'dan il-każ konsegwenza ta' **error iuris substantivum vel proceduralis** u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**